# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza l-1 ta' Marzu, 2023

Avviz tat-Talba numru: 283/2021 CL

**Makaw Limited** (C 8250)

**VERSUS**

**Terence Zammit** (KI nru: 432074M)

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-11 ta' Ottubru 2021, fejn is-socjeta attrici talbet lil Tribunal jikkundana lill-konvenut sabiex jhallas is-somma ta' elfejn, tmien mija u tnejn u tletin euro (€2,832) skond rendikont anness u mmarkat Dok A, liema bilanc huwa ibbazat fuq l-istima annessa Dok B u limitat ghall-perjodu hemm indikat u dan minghajr pregudizzju ghall-azzjoni ulterjuri ghall-xogholijiet u servizzi li jmorru oltre minn dik l-istima. Illi l-ammont ta' €2832 jirraprezenta prezz ta' supply, armar u kiri ta' scaffolding,ghall-perjodu ta' sittin jum supplit lill-intimat fuq inkarigu tieghu stess.Illi l-intimat interprellat diversi drabi sabiex jhallas din is-somma baqa' inadempjenti u b'hekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes inklus dawk tal-mandat kawtelatorju li qieghed jigi ipprezentat kontestwalemnt u bl-interessi kummercjali kontra l-intimat, li minn issa huwa ingunt ghal-subizzjoni.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ra illi fis-seduta tal-1 ta' Frar 2023, it-Tribunal kien innota li konvenut kien notifikat, izda la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu biex issehh kontestazzjoni tat-talba tas-socjeta attrici. Ghalhekk, il-konvenut waqa' fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-socjeta attrici ipprezentat kapitoli fil-konfront tal-konvenut fl-1 ta' Frar 2023, izda fis-seduta tal-15 ta' Frar 2023,il-konvenut ma deherx, minkejja li kien msejjah ghas-subizzjoni u b'hekk il-kawza thalliet ghas-sentenza.

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Madanakollu kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti.It-Tribunal ra' d-dokumenti u li l-konvenut naqas milli jirregistra dehera biex jwiegeb ghal tali kapitolu, fid- dawl ta' tali omissjoni, l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut. Ghalhekk dan ghandu jittiehed bhala mistqarr u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ghalhekk, fid-dawl tal-appena indikati provi mressqa mis-socjeta attrici, u anke, izda mhux biss, bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal, it-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak mitlub mis-socjeta attrici fi procediment gudizzjarju bhal dan. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut biex jhallas lill-istess socjeta attrici is-somma ta' elfejn, tmien mija u tnejn u tletin euro (€2,832), bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna[1]sad-data tal-hlas effettiv u finali[2].

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri,ghandhom jithalsu mill- konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

[1] Ma jirrizultax illi kien hemm talba ghal-hlas qabel din il-gurnata .

[2] Ghalkemm saret referenza ghal mandat kawtelatorju ma gietx ipprezentata ebda kopja fl-atti.